

*L-istatwa sabiħa ta' San Rokku fiż-Żurrieq (ħajr: Mark Micallef Perconte)*




# Ir-rikorsi marbuta mal-istatwa ta' San Rokku fiż-Żurrieq

**Kan. Dr Jonathan Farrugia**

Wara li f'dal-aħħar snin tajt xi informazzjoni ġdida u ppubblikajt dokumenti inediti dwar xi statwi fiż-Żurrieq li ma jgawdux popolarità daqs oħrajn, għal din is-sena għandi xi tagħrif li s'issa għadu ma ġiex ippubblikat dwar statwa oħra mill-isbaħ li nsibu fil-parroċċa – dik ta' San Rokku. Ħabat tajjeb li dan it-tagħrif se joħroġ f'din is-sena meta d-dinja kollha ġiet milquta minn pandemija li dawret il-ħarsa ta' ħafna nies lejn il-qaddisin protetturi kontra l-mard li jittieħed, li fosthom l-aktar magħruf huwa San Rokku.

## Il-qaddis u l-konfraternità fiż-Żurrieq

Rokku twieled fi ħdan familja nobbli u għanja f'Montpellier, fi Franza. Sa minn twelidu kellu marka ħamra fil-forma ta' salib fuq sidru, u minn ċkunitu kien juri li kien bniedem ta' fidi u ta' sagrifiċċju. Meta kellu madwar għoxrin sena safa' ltim, qassam ġidu kollu lill-foqra u telaq minn Montpellier fuq pellegrinaġġ bil-mixi sa Ruma. Meta kien qed jivjaġġja fl-Italja, iżda, faqqgħet il-pesta u hu waqaf mill-mixja biex jgħin lill-morda f'diversi sptarjiet. Jingħad li fejjaq ħafna minnhom bit-talb u billi jagħmel is-sinjal tas-salib fuqhom. Wara xi żmien hu stess marad u mar jgħix waħdu f'bosk jistenna l-mewt, imma kelb kien iġiblu l-ikel u kien jilgħaqlu l-ferita tal-pesta[1] li kellu fuq koxxtu. Il-kura tal-kelb fejqitu u, wara li wasal sa Ruma, mar lura lejn Motpellier fejn ħadd ma għarfu; ħasbuh spija u tefgħuh il-ħabs fejn għex għal ħames snin sa ma miet. Meta ġew biex jidfnuh raw il-marka ħamra tas-salib fuq sidru u għarfu min kien. Minħabba l-kura li kien magħruf li ta lill-morda bil-pesta, ġie kanonizzat mill-poplu u msejjaħ bħala wieħed mill-protetturi kontra l-pesta. San Rokku, għalhekk, huwa wieħed minn dawk il-qaddisin medjevali li bdew ftit ftit jieħdu post qaddisin oħra ta' żminijiet aktar imbegħda.[2]

Tradizzjonalment id-dati mogħtija għal ħajtu kienu mill-1295 sal-1327; iżda minn studji li saru seklu aktar tard minn Francesco Diedo jidher li fir-realtà Rokku twieled f'Montpellier lejn l-1348 u miet bejn l-1376 u l-1379 f'Voghera, fl-Italja. Id-dati proposti minn Diedo għandhom żewġ fatturi li jsostnuhom. L-ewwel nett f'nofs is-seklu erbatax huwa magħruf li reġgħet dehret il-pesta bubonika fl-Ewropa wara nuqqas ta' kważi tmien mitt sena;[3] din daħlet f'Kostantinopli

1 Il-ferita tissejjaħ *bubo* u minn hemm ġej l-isem tal-*pesta bubonika* kif kienet magħrufa.

2 Il-protettur kontra l-pesta sa dak iż-żmien kien San Sebastjan; wara s-seklu 14 iż-żewġ qaddisin bdew jiġu raffigurati flimkien, kultant ma' Santa Rosalia ta' Palermo, bħala l-protetturi kontra l-pesta.

3 L-aħħar darba meta huwa magħruf li l-Ewropa ġiet milquta minn din il-pandemija kien fi żmien l-imperatur Ġustinjanu (541-542), u baqgħu jiġu rappurtati każijiet sporadiċi sa madwar is-sena 750. (sors: https://phys.org/news/2013-05-modern-lab-ages-plague-dna.html)

fl-1347 u minn hemm xterdet madwar l-Ewropa kollha u baqgħet attiva għal madwar 50 sena. Wisq probabbli din kienet il-pesta li marad biha Rokku meta mar bil-mixi lejn Ruma. Li kieku miet fl-1327 diffiċli ħafna nifhmu r-rabta tiegħu mal-pesta, għax kien fadlilha għoxrin sena biex tidher. It-tieni punt validu hu li r-relikwi tal-qaddis li jinsabu f'Venezia ttieħdu hemm fl-1485, u huwa dokumentat li l-provenjenza tagħhom kienet Voghera mhux Montpellier. Apparti minn dan l-eqdem knejjes u sinjali ta' kult lejn dan il-qaddis ġejjin mit-Tramuntana tal-Italja mhux minn Franza. Il-kult tiegħu, fil-fatt, kiber sewwa meta l-Italja ta' Fuq reġgħet ġiet milquta mill-pesta bubonika fis-snin 1477-1478. L-eqdem xbihat tal-qaddis ġejjin mis-snin 1464-1465 u tpittru minn artisti tal-familja Vivarini ġewwa Venezia.[4]

Madwar ħamsin sena wara l-wasla tar-relikwi, il-Papa Pawlu III (1534-1549) waqqaf l-ewwel konfraternità ta' San Rokku, ġewwa Venezia; din fl-1556 saret arċikonfraternità peress li minnha ħarġu konfraternitajiet oħra f'ġieħ l-istess qaddis. Fl-1590 il-Papa Girgor XIV żied it-tifkira ta' San Rokku fil-kalendarju tal-Knisja Universali nhar is-16 ta' Awwissu, għalkemm f'diversi bliet tal-Ewropa kien ilu meqjum bħala qaddis għal aktar minn mitejn sena. F'Malta l-unika konfraternità ddedikata lil dan il-qaddis insibuha fiż-Żurrieq, u kienet imwaqqfa fl-1606, probabilment bħala konsegwenza tal-pesta li ħakmet lil gżiritna fl-1592. Meta nqisu li l-konfraternità taż-Żurrieq twaqqfet biss ħamsin sena wara li twaqqfet l-ewwel waħda, naraw li fil-kult lejn dan il-qaddis ir-raħal kien pjuttost fuq quddiem.

### 1925 – rikors għal statwa li ma ntlaqax

Fl-ewwel kwart tas-seklu 20 il-Konfraternità ta' San Rokku kienet tinsab f'pożizzjoni ftit żvantaġġjata meta mqabbla mal-konfraternitajiet l-oħra tal-parroċċa. Apparti l-Konfraternità tas-Santissimu Sagrament li minn dejjem kienet tuża l-Ewkaristija għall-purċissjonijiet, il-konfraternitajiet l-oħra kollha kellhom l-istatwa patronali tagħhom.[5] Meta tqis li l-konfraternità in kwestjoni hija waħda mill-eqdem tal-parroċċa, il-fatt li oħrajn iffundati sekli wara ġa kellhom statwa kien ikompli jpoġġi l-melħ fuq il-ferita. Barra minn hekk, anke devozzjonijiet oħra, ħafna aktar reċenti, li ma kienux marbuta ma' konfraternitajiet, bħal San Alwiġi Gonzaga u San Antnin, kellhom l-istatwi tagħhom.[6]

---

4 Louise Marshall, "Manipulating the Sacred: Image and Plague in Renaissance Italy" Renaissance Quarterly 47/3 (1994): 485–532.

5 Il-konfraternità ta' San Ġużepp akkwistat il-vara tagħha fl-1824, xogħol Vincenzo Dimech (ara: A. Mangion, "Ix-Xogħolijiet l-Oħra tal-Marjani fiż-Żurrieq," f'*Santa Katarina: il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq*, (Malta: Soċjetà Mużikali Santa Katarina VM, 1989), 94-97); il-konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu akkwistat tagħha fl-1842, xogħol Salvatore Psaila (ara: A. Farrugia, "Ħidmet l-iskultur Salvatore Psaila: mill-istatwa ta' Santa Liena sal-Immakulata Kunċizzjoni (1833-1847)," f'*175 Sena Fostna*, ed. J. Buhagiar, (Malta: Konfraternità Madonna tal-Karmnu, iż-Żurrieq, 2017), 81-126); il-konfraternità tal-Madonna tar-Rużarju akkwistat il-vara fl-1876, xogħol Carlo Darmanin (ara: J. Farrugia, "L-ewwel ħjiel fuq il-vara tal-Madonna tar-Rużarju taż-Żurrieq" *Programm tal-festa ta' Santa Katarina* (Malta: Parroċċa Santa Katarina, iż-Żurrieq, 2017), 28-29).

6 L-istatwa ta' San Alwiġi saret lejn tmiem is-seklu 19 minn Vincenzo Cremona (ara: F. Mangion, "Vincenzo Maria Cremona (1851-1912). Xenografu ta' ħila u Statwarju ta' kalibru" *Programm tal-festa ta' San Ġorġ* (Għawdex: Soċjetà Filarmonika La Stella, Belt Victoria, 2019), 65-76), waqt li dik ta' San Antnin inġiebet minn Lecce fl-1922 (ara: J. Farrugia, "Ġrajjiet il-vara u l-festa ta' San Antnin ta' Padova bejn l-1922 u l-1955" *Programm tal-festa ta' Santa Katarina* (Malta: Soċjetà Mużikali Santa Katarina VM, iż-Żurrieq, 2019), 99-106).


175/25

A Sua Eccellenza Rev.ma
Mons. Dom Mauro Caruana O.S.B.
Arcivescovo di Rodi e Vescovo di Malta.
etc. etc. etc.

Umile Ricorso dei Confra-
telli di S. Rocco del Zurrieq

Espongono riverentemente:-
Che al Zurrieq esiste una speciale devozione
verso il Santo Protettore contro le malattie contagiose,
come ben risulta dalla V.nda Confraternita [illegible]
ivi eretta fin dal 1606.
Che ogni anno la prima Domenica di Settembre si
celebra sollennemente la sua festa esterna con
officio e processione, come per decreto della Sacra
Congregazione dei Riti del 28 Maggio 1880.
Che i Confratelli della suddetta Confraternita per
maggiore gloria del loro Santo Patrono e per aumen-
tare sempre più la devozione, desiderano da tempo

**Ir-rikors tal-1925 li ġie rifjutat**

Nifhmu għalhekk għalfejn fl-1925 il-konfraternità għamlet talba lill-Isqof Mawru Caruana biex hi wkoll ikollha l-istatwa patronali tagħha biex tintuża għad-devozzjoni u għall-purċissjoni li kienet issir ta' kull sena.[7] It-traduzzjoni bil-Malti tar-rikors tgħid hekk:

*Rikors umli tal-Konfratelli ta' San Rokku taż-Żurrieq*

*Jesponu bil-qima:*

*- li fiż-Żurrieq teżisti devozzjoni speċjali lejn il-Qaddis Protettur kontra l-mard li jittieħed, kif tixhed il-Veneranda Konfraternità li ġġib ismu mqwaffa sa mill-1606.*

*- li kull sena, fl-ewwel Ħadd ta' Settembru, tiġi ċelebrata solennement il-festa esterna tiegħu permezz ta' talb u purċissjoni, skont il-permess mogħti permezz ta' digriet tal-Kongregazzjoni Mqaddsa tar-Riti maħruġ fit-28 ta' Mejju 1880.*

*- li l-Konfratelli tal-imsemmija Konfraternità, għall-akbar glorja tal-Qaddis Patrun tagħhom u biex ikattru dejjem id-devozzjoni lejh, ilhom għal ħafna żmien jixtiequ statwa biex tkun tista' tinġarr fil-purċissjoni.*

*Għaldaqstant l-imsemmija Konfratelli jitolbu umilment lill-Eċċellenza Tiegħek biex taqta' x-xewqa tagħhom u tagħti l-permess għal dak li huwa mitlub.*

Il-firmatarji kienu r-Rettur Carmelo Camilleri, il-Prokuratur Salvatore Zammit Falzon u s-Segretarju Luigi Zammit. Dan ġie preżentat nhar id-29 ta' Mejju 1925, iżda fit-8 ta' Ġunju l-permess ġie miċħud mill-Vigarju Ġenerali Mons. A. Portelli OP. Bħala raġuni hemm miktub biss li "ma jixraqx" mingħajr ma jagħti spjegazzjonijiet oħra.

Għalkemm nieqes minn dettalji aktar ċari, ir-rikors, apparti milli fih il-kurżità li huwa wieħed mill-ftit rikorsi għal statwa li qatt ġew miċħuda, jagħtina informazzjoni siewja. L-ewwel nett jidher li l-Konfraternità kienet ilha bix-xewqa li jkollha statwa. Nafu li l-festa kienet issir fl-ewwel Ħadd ta' Setembru,[8] u probabbli baqgħet hekk sakemm ħaditilha postha l-festa titulari ta' Santa Katarina, u għalhekk tmexxiet għal ħmistax wara. L-aktar dettall interessanti huwa li l-purċissjoni bdiet issir mill-1880; qabel din is-sena probabilment il-festa kienet tikkonsisti biss f'quddiesa fil-festa liturġika. Il-purċissjoni tal-Ħadd taqbel mal-purċissjonijiet tal-konfraternitajiet l-oħra li wkoll kienu jisru l-Ħadd u mhux fil-ġurnata proprja tagħhom; jidher

7 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, *Suppliche*, vol. 219, ref. 175/25.

8 Kurjuża kif il-festa ma kienetx issir Ħadd fuq is-16 ta' Awwissu; forsi kienet issir wara biex ma taħbatx mal-festa ta' Santa Marija f'Bubaqra.

li l-unika purċissjoni li kient issir f'narha kienet dik tal-25 ta' Novembru, bix-xieraq bħala l-festa ewlenija tal-parroċċa.

**1931 – Rikors ieħor li jitfa' dawl fuq il-qagħda tal-Konfraternità**

Għal sitt snin jidher li l-Konfraternità baqgħet b'dik ir-risposta li ħadet, sakemm laħaq rettur Antonio Briffa, li tgħallem min-nuqqasijiet li kien fih ir-rikors ta' qabel u ħadem mod ieħor. Ir-rikors tiegħu, li ppreżenta fil-31 ta' Lulju 1931, jgħid hekk:[9]


Nella Curia Vescovile
di Malta.

In obbedienza al Ven: Decreto del dì 31 Luglio 1931, in relazione al ricorso presentato in Curia dalla Ven: Confraternita di S. Rocco di C. Zurrico per formare un simulacro del Santo, il sottoscritto Arciprete Parroco, ha l'onore di riferire che egli non trova alcuna oggezione per la concessione di detto simulacro, purchè il simulacro non si conservi in Chiesa, ma in un altro luogo adatto o in Sacrestia o in qualche chiesa figliale.

Arciprete Parroco Gio Battista Ghigo
Presentata dall'esponente
Li 1 Settembre 1931

**In-nota tal-Arċipriet Ghigo dwar fejn tinżamm l-istatwa**

*Rikors umli ta' Antonio Briffa, rettur tal-Konfraternità ta' San Rokku mwaqqfa fiż-Żurrieq.*

*Jesponi bil-qima:*

*- li l-konfratelli tal-imsemmija Konfraternità ilhom żmien jixtiequ statwa tal-Qaddis Patrun tagħhom biex tinġarr fil-purċissjoni nhar l-ewwel Ħadd ta' Settembru, privileġġ li jgawdu l-konfraternitajiet l-oħra kollha mwaqqfa fil-parroċċa.*

*- li din l-istatwa ssir mill-ġbir minn fost il-poplu, mingħajr ma titgħabba l-Konfraternità bl-ebda mod.*

*- li għal dan l-istess għan sitt snin ilu kien sar rikors lill-Eċċellenza Tiegħek li kien ġie miċħud għax ingħad li ma kienx jixraq. Jidher iżda li huwa l-kontra, għar-raġuni li jekk issir l-istatwa, id-devozzjoni tikber, u l-konfratelli li, għax m'għandhomx dan il-privileġġ bħall-konfraternitajiet l-oħra, fil-preżent mhux qed jatgħtu każ ta' dmirijiethom, għad jerġgħu lura lejn il-fervur li kellhom fil-bidu.*

*Għalhekk, bil-parir tal-Wisq Reverendu Sinjur Arċipriet qegħdin nippreżentaw umilment dan ir-rikors bit-tama sħiħa li ningħataw il-permess mingħand l-Eċċellenza Tiegħek.*

B'ħarsa lejn din il-kitba ninnutaw li waqt li l-enfasi tibqa' fuq ix-xewqa li ssir statwa proċessjonali ta' San Rokku, hemm dettalji oħra li jiġġustifikaw għala dan kien dritt u bżonn tal-Konfraternità. Jekk naqraw bejn il-linji tal-ewwel punt, meta jissemmew il-konfraternitajiet l-oħra tal-parroċċa li kellhom l-istatwi tagħhom, nifhmu l-weġgħa li kellhom li konfratelli ta' San Rokku f'dan ir-rigward. Piki bejn il-konfraternitajiet minn dejjem kienu jeżistu, u n-nuqqas tal-istatwa jista' jkun li kienet ħaġa li l-Konfraternità in kwestjoni kienet tiġi mgħajra fuqha mill-oħrajn. Ir-rikors ta' qabel ma kienx semma' dal-punt. Fit-tieni punt naqraw li saru provvedimenti biex il-piż finanzjarju ma jintrefax mill-Konfraternità biex jiġu evitati problemi ta' amministrazzjoni f'każ li flus biżżejjed ma jkunx hemm. Mit-tielet punt nifhmu r-raġuni għala r-rikors tal-1925 ġie miċħud. Ir-rettur jitkellem dwar it-traskuraġni ta' diversi konfratelli fil-qadi tad-dmirijiet

9 AAM, *Suppliche*, vol. 249, ref. 125/32.

tagħhom, meta din kienet ir-raġuni għala l-Vigarju dehrlu li din il-Konfraternità ma kienx jixirqilha statwa patronali. Nifhmu wkoll li tul dawk is-sitt snin bejn l-1925 u l-1931, il-kumitat tal-Konfraternità talab spjegazzjoni għala t-talba ġiet miċħuda. Il-kliem ta' Briffa juru wkoll li l-Konfraternità ma kienetx għaddeja minn żmien sabiħ, u n-nuqqas ta' attenzjoni tal-konfratelli jista' jkun li fl-1925 kien wassal lill-Vigaru biex jifhem li flus minnfejn tħallas għal statwa din il-Konfraternità ma kellhiex; dan jispjega għala żdied it-tieni punt li jgħid li kienet se titħallas mill-ġbir fost il-poplu. L-iskuża li statwa tista' żżid is-sens ta' responsabiltà fost il-konfratelli kienet ġa ġiet użata mill-Konfraternità tar-Rużarju fl-1876 meta għamlu r-rikors huma stess għal statwa proċessjonali.[10] L-aħħar kumment ta' Briffa wkoll kien karta milgħuba tajjeb: huwa jgħid li l-parir biex issir l-istatwa din id-darba sar mill-Arċipriet, dettall ieħor li fl-ewwel rikors ma jissemma' mkien. B'hekk wera li ma kienux qed jippruvaw jagħmlu statwa bil-moħbi, u li l-Arċipriet kien jaqbel.

Għad-differenza tar-rikors ta' qabel, dan ma rċeviex risposta negattiva mill-ewwel. Dakinhar stess il-kanċillier tal-Kurja, Mons. P. Galea, ta struzzjonijiet biex ir-rikors jiġi verifikat mill-Arċipriet.

**1931-1932: notamenti annessi mar-rikors**

L-Arċipriet dak iż-żmien kien l-Imqabbi Dun Giovanni Battista Ghigo. Il-verifika tar-rikors għamilha permezz ta' nota li kiteb fil-Kurja stess nhar l-1 ta' Settembru, ftit ġranet biss qabel saret il-festa ta' San Rokku. In-nota tgħid hekk:

*B'ubbidjenza għall-venerabbli digriet ta' nhar il-31 ta' Lulju 1931, f'rabta mar-rikors preżentat fil-Kurja mill-Veneranda Konfraternità ta' San Rokku taż-Żurrieq biex issir xbiha tal-Qaddis, l-Arċipriet hawn taħt iffirmat għandu l-unur jafferma li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex jingħata permess għax-xbiha msemmija, dment li din ix-xbiha ma tinżammx fil-Knisja, imma f'xi post adattat, jew fis-sagristija jew inkella f'xi knisja filjali tal-parroċċa.*

In-nota titfa' ftit aktar dawl fuq aspetti oħra mill-ħajja parrokkjali tar-raħal. L-unika kundizzjoni li jpoġġi l-Arċipriet kienet li l-istatwa ma jkollhiex niċċa fil-knisja, ħaġa li kienet tgħodd għall-istatwi tal-konfraternitajiet kollha sa minn meta saru. L-istatwi ta' San Ġużepp u tal-Madonna tal-Karmnu kienu jinżammu fin-niċeċ li hemm fil-knisja ta' San Ġakbu, waqt li l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju kienet tinżamm fil-knisja tal-Immakulata fin-Nigret. Dawn tpoġġew kollha fl-oratorju meta dan inbena fl-1881. L-uniċi statwi li kellhom post fil-knisja kienu l-istatwa titulari ta' Santa Katarina bħala l-Patruna tal-parroċċa, u l-istatwa tal-Madonna tad-Duluri li bla dubju hija l-aktar statwa Marjana devota li ssib f'kull knisja.[11] Iż-żewġ statwi l-oħra

10 AAM, *Suppliche*, vol. 77, ref. 341/76.

11 L-istatwa tal-Madonna tad-Duluri li hemm illum fil-knisja hija xogħol ta' tmiem is-seklu 19. Kien jingħad li nġiebet minn Marsilja, iżda meta mqabbla ma' statwi oħra miġjuba minn dik il-belt, speċjalment statwi oħra tal-istess tema, jidher ċar li ma oriġinatx minn hemm. Probabilment hija xogħol Malti ta' Vincenzo Cremona jew ta' xi ħadd miċ-ċirku tiegħu. Qabilha kien hemm statwa oħra ta' Saverio Laferla maħduma fl-ewwel nofs is-seklu 18, li kienet tgawdi devozzjoni kbira. Meta nbidlet, dik ta' Laferla kienet tpoġġiet f'waħda mill-knejjes iż-żgħar tal-parroċċa, imma milli jidher in-nies aktar baqgħu miġbudin lejha milli lejn il-ġdida, u dan wassal biex eventwalment inqerdet. Rasha għadha teżisti f'kollezzjoni privata.

li sabu post fil-knisja, għalkemm fi rkejjen imwarrba, kienu ż-żewġ statwi li ma' għandhom rabta ma' ebda konfraternità, u li ġew akkwistati wara li n-niċeċ tal-oratorju kienu ġa meħudin. Il-preċiżazzjoni tal-Arċipriet li San Rokku ma kellux jinżamm fil-knisja tista' timplika li kien hemm xi tama li jieħu post San Alwiġi jew San Antnin; il-pass għaqli tal-Arċipriet jixhed il-konvinzjoni ġusta li l-ebda konfraternità ma kellha dritt ikollha xi trattament speċjal. Dan jista' jurina wkoll li n-niċċa fejn tinsab l-istatwa llum ma kienetx fil-pjanta l-oriġinali tal-oratorju, għax meta dan inbena fih ġew proġettati tliet niċeċ għat-tliet statwi sekondarji li kellha l-parroċċa. Probabbli li flokha kien hemm daħla finta biex tikkumplimenta d-daħla għas-sagristija li hemm in-naħa l-oħra. Meta eventwalment l-istatwa saret, dan l-ispazju ntuża bħala niċċa u hekk l-istatwi tal-konfraternitajiet kollha sabu posthom fl-oratorju.

Nota oħra li nisbu annessa ma' dan ir-rikors, li ġġib id-data tal-21 ta' Settembru 1931, ġejja mill-Kanċillier Buttigieg li fiha ta struzzjonijiet biex mudell tal-istatwa jiġi esibit u biex is-somma mitluba mill-artist (li s'issa ma ssemmiex) tiġi depożitata fil-Cassa delle Pie Amministrazzjoni, bħala garanzija li l-Konfraternità kellha minnfejn tħallas. Mhux ċar sewwasew fejn kellu jiġi esibit dan il-mudell, imma nifhmu li kien fil-Kurja, għax ma tagħmilx sens li dan kellu jintwera fil-pubbliku qabel ma' jiġi approvat. F'nota tal-1 ta' Frar tas-sena ta' wara, il-Kanċillier P. Galea ta struzzjoni biex il-mudelli esibiti jingħataw lill-Giunta Diocesana per la Tutela delle Antichità Ecclesiastiche biex tapprovhom. Minn hawn nifhmu li flok mudell wieħed, l-artist ipprovda tnejn, li presumibilment inħadmu bejn Settembru u Frar. Nifhmu li l-Konfraternità dehrilha li aħjar tippreżenta tnejn bit-tama li jekk ma jiġix approvat wieħed, jiġi approvat l-ieħor.

Il-ġudizzju tal-Giunta ħareġ fil-31 ta' Marzu 1932: kien wieħed pożittiv fuq ż-żewġ mudelli. Is-Segretarju A. Pantalleresco jgħid ukoll fl-istess nota li l-mudelli kienu żgħar wisq biex fihom tidher sewwa u tkun iġġudikata l-kapaċità tal-artist li għamilhom. Żgur li l-membri tal-Giunta kienu jafu l-artist min kien, għalhekk basru li l-prodott finali kien se jun wisq isbaħ minn dak li kienu qed jaraw quddiemhom fiċ-ċokon.

Fid-9 ta' April 1932 G. Doublesin, bħala rappreżentant tal-Cassa delle Pie Amministrazzjoni, ikkonferma li l-Konfraternità ta' San Rokku taż-Żurrieq kienet iddepożitat is-somma ta' £10 fis-26 ta' Jannar ta' dik is-sena; dawn kienu l-prezz għall-istatwa l-ġdida mitlub mill-artist. Iċ-ċedola fejn tpoġġew il-flus kellha n-numru 3705.

Nota oħra tad-9 ta' April ġejja mill-Vigarju Ġenerali Mons. P. Galea tgħid li ladarba l-Arċipriet ma sabx oġġezzjoni u ladarba l-Giunta approvat iż-żewġ mudelli, ir-rikors ġie milqugħ u l-istatwa setgħet issir. Il-Konfraternità kellha l-libertà tagħżel liema mudell jogħġobha.

Tlett ijiem wara l-Prokuratur tal-Konfraternità, Salvatore Zammit, ġabar il-mudelli li kienu ngħataw lura mill-Giunta lill-Arċipriet.

**1932 – Issir l-istatwa minn Agostino Camilleri**

L-aħħar rikors marbut mal-istatwa ta' San Rokku, u li miegħu għandu annessi notamenti li jwasslu sal-aħħar ta' Awwissu, jispjegaw il-proċess pass pass minn meta ħareġ il-permess sa meta l-istatwa saret u setgħet tittieħed il-knisja.


Io qui sottoscritto dichiaro d'aver visto la Statua di
San Rocco, destinata per la Chiesa Arcipretale e Parrocchiale
Chiesa del Zurrico e giudico di potersi essere ammessa
nella suddetta Chiesa per la Venerazione dei fedeli:
Oggi 30 Agosto 1932.
Sac. Gius: Camilleri Xuereb.
Cerimoniere Diocesano.

***Il-ġudizzju pożittiv taċ-Ċerimonier dwar l-istatwa***

Fil-25 ta' April Briffa, fir-rwol tiegħu bħala rettur tal-Konfraternità, talab:[12]

- *li permezz ta' digriet tad-9 ta' April 1932, hu kellu jippreżenta fil-Kurja l-mudell għall-istatwa ta' San Rokku, u li kellu jiddepożita l-flus għal dan ix-xogħol fil-Cassa tal-Kurja.*
- *li hu, f'ubbidjenza għall-imsemmi digriet, ippreżenta mudell maħdum mis-Sur Agostino Camilleri, li ġie approvat mill-Giunta tal-Antikitajiet, u li fl-istess ħin iddeposita s-somma mitluba mill-artist fiċ-ċedola 3705 nhar it-22 ta' Jannar 1932, liema somma ġiet offruta minn benefattur sabiex tkun tista' ssir l-istatwa.*

*Għaldaqstant jitlob lill-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima biex taċċetta l-opra li dan il-benefattur xtaq joffri lill-Konfraternità, billi jagħtih permess jieħu lura l-flus li kienu ġew depożitati, sabiex ikun jista' jħallas lill-artist ta' xogħolu.*

Din hija l-ewwel darba li jissemma l-istatwarju li miegħu xtaqu jaħdmu l-Konfratelli ta' San Rokku – l-Għawdxi Agostino Camilleri (1885-1979). Għaż-żmien li fiha saret l-istatwa, ma setgħetx saret għażla aħjar għax bla dubju li Camilleri kien l-aqwa statwarju fil-gżejjer Maltin. Is-somma li talab għal din l-istatwa, bħalma rajna fin-nota rigward id-depożitu, kienet ta' £10. Ir-rikors jgħallimna wkoll li din ix-xbiha tħallset minn benefattur wieħed, probabilment minn xi benestanti miż-Żurrieq li kien membru tal-istess Konfraternità; ħasra li fir-rikors ma nsibux ħjiel min seta' kien. Il-benefattur iffranka lill-membri tal-Kumitat tal-Konfraternità milli jduru bieb bieb jiġbru l-flus. Mhux eskluż li kien ġa ntlaħaq ftehim miegħu minn qabel ma sar ir-rikors tal-31 ta' Lulju 1931, għax fih ir-rettur deher konvint li l-flus kienu se jinġabru bla problemi.

L-ewwel nota annessa ma' dan iġġib id-data ta' lejliet li ġie preżentat, u nkitbet mill-Arċipriet Ghigo, fejn irrikmanda li Briffa jitħalla jieħu lura s-somma depożitata għaliex daqt kellha tibda tinħadem l-istatwa imsemmija, waqt li fl-istess ħin ifaħħar lill-benefattur talli offra li jħallas waħdu għal din l-opra. Nifhmu għalhekk li Camilleri beda jaħdem fuq San Rokku fil-bidu ta' Mejju 1932.

In-nota li jmiss taċċertana li l-istatwa kienet mitmuma f'nofs Awwissu tal-istess sena, għax fl-20 ta' Awwissu l-Vigarju Ġenerali ta struzzjonijiet biex iċ-ċerimonjier tad-djoċesi jeżamina

12 AAM, *Suppliche*, vol. 251, ref. 333/32.

l-istatwa msemmija u jagħti l-ġudizzju tiegħu kienetx tixraq li tintuża għall-kult. Dan iċ-ċerimonier kien is-saċerdot Ġużeppi Camilleri Xuereb, li nhar it-30 ta' Awwissu eżamina l-istatwa ta' San Rokku destinata għall-knisja Arċipretali taż-Żurrieq u kkonferma li kienet tixraq li titpoġġa għall-venerazzjoni tal-pubbliku. Nifhmu li biex għamel dan mar Għawdex, fejn kellu l-ħanut tiegħu Camilleri. L-għada, fl-aħħar ta' Awwissu 1932, il-Vigarju Ġenerali Galea ta permess biex l-istatwa tintuża għall-kult tal-fidili, kif ukoll li l-flus jittieħdu mill-Cassa tal-Kurja biex bihom jitħallas Camilleri.

Mhux magħruf il-mudelli llum fejn jinsabu, jew kif kienu, speċjalment il-mudell li ma ntagħżilx. Li nistgħu ngħidu hu li l-mudell li ntagħżel kien wieħed favorit ta' Camilleri, għax hemm diversi statwi tiegħu, ġeneralment jirraffiguraw lil San Ġakbu, li jixbħu ħafna l-istatwa li tinsab iż-Żurrieq. Fost dawn nistgħu nsemmu l-istatwa li tintrama' fil-pjazza tan-Nadur fl-Imnarja u diversi statwetti ta' San Ġakbu li jintramaw fuq l-artali f'xi lokalitajiet, bħal dik li llum tintrama' San Pawl il-Baħar. L-ispirazzjoni ta' Camilleri setgħet kienet il-figura ta' San Rokku kif imnaqqxa minn Mariano Girada f'diversi statwi, bħal dik li llum tinsab mal-faċċata tal-knisja taż-Żurrieq u oħra f'nofs pjazza f'Ħal Għaxaq.




***L-istatwa ta' San Ġakbu l-Kbir li tintrama' fin-Nadur li tixbaħ ħafna lil San Rokku taż-Żurrieq (ħajr: Mark Micallef Perconte)***

**Għeluq – il-miġja tal-istatwa fir-raħal**

L-ewwel Ħadd ta' Settembu ħabat nhar l-4 tax-xahar, għalhekk nifhmu li f'temp ta' tliett ijiem l-istatwa ttieħdet mill-ħanut ta' Camilleri f'Għawdex u twasslet iż-Żurrieq għal nhar il-festa. Minħabba li din inħadmet fil-gżira l-oħra, il-konfratelli ġiehom il-ħsieb tajjeb ħafna li l-wasla tal-istatwa fir-raħal tkun waħda memorabbli, aktar minn dik tal-istatwi l-oħra li kienu ġew akkwistati qabel. San Rokku twassal bil-lanċa sa Wied iż-Żurrieq u minn hemm ittella' sal-knisja arċipretali, fost il-ferħ tal-konfratelli u tal-poplu taż-Żurrieq.

Bilfors li dik is-sena l-festa kienet waħda speċjali ħafna, għax il-konfratelli fl-aħħar irnexxielhom jakkwistaw dik l-istatwa li tant kienu ilhom mixtieqin għalih.

Ta' kull sena San Rokku baqa' jdur it-toroq taż-Żurrieq, ħlief f'ċirkustanzi meta dan ma kienx possibbli, bħal fi żmien il-gwerra u bħal din is-sena minħabba l-pandemija li ninsabu fiha. Żgur, iżda, li d-devozzjoni lejn dan il-qaddis għadha ħajja u xhieda ta' dan rajnih ftit snin ilu meta l-istatwa ġiet restawrata minn Aaron Camilleri Cauchi, in-neputi ta' Agostino, fejn reġgħet ħadet l-ilwien oriġinali tagħha. Din is-sena wkoll il-Konfraternità ħabbret il-proġett tar-restawr tal-pedestall sabiex il-proġett ta' konservazzjoni jkun komplut. Tajjeb li għal darb'oħra l-poplu taż-Żurrieq jerġa' juri l-imħabba tiegħu lejn dan il-qaddis li żgur qiegħed jieqaf magħna f'dawn iż-żminijiet xejn feliċi.